**Minuti tal-415-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.50 ta'filgħaxija u s-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa fit-7.45 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-414-il laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillieri u l-istaff li taw sehem biex l-attivita' tal-*Health Fest* li saret nhar is-Sibt, 18 ta' Mejju, 2013 tkun suċċess.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienetx saret il-laqgħa mas-sid tal-Funderija *Hompesch Steel* sabiex jiġi diskuss it-tħaddim ta' din il-funderija u jitressqu l-ilmenti tar-residenti taż-żona partikolarment tal-Qasam tad-Djar u Buleben iż-Żgħir. Is-Sindku qal illi s-sid tal-Funderija *Hompesch Steel* kien indispost u għalhekk il-laqgħa ma setgħetx issir.

Is-Sur Buttigieg qal illi l-*hatching lines* ta' Triq tal-Labour kienu għadhom ma sarux. Is-Sindku qal illi dawn is-sinjali kienu ser isiru fi żmien qasir.

Is-Sur Buttigieg qal illi d-*dustbin* li kellu jitwaħħal ħdejn il-*bus stop* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi għadu ma twaħħalx. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-*bins* kienu ġew ordnati u ser jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Buttigieg qal illi t-tabella li turi d-direzzjoni ta' traffiku għaċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar hija perikoluża peress illi din it-tabella hija kbira u fil-baxx.

Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk kienetx saret il-laqgħa mal-kumpanija IPSL bil-għan illi l-Kunsill jingħata aktar ħaddiema. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie mitlub jistenna l-ħatra taċ-*Chairman* il-ġdid tal-kumpanija IPSL sabiex tkun tista' issir il-laqgħa.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mibgħuta flimkien ma' petizzjoni minn residenti li joqgħodu fi Triq il-Fiġel f'Ħaż-Żabbar fejn talbu lill-Kunsill sabiex Triq il-Fiġel issir *one way*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex Triq il-Fiġel issir *one way*.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanti u d-dokumentazzjoni relatata mal-proġett tax-xelter f'Misraħ is-Sliem.

Inqrat stedina mibgħuta mill-kumpanija *TCTC* għall-*Business Breakfast* li ser isir nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju 2013. Is-Sindku qal illi kien ser jattendi flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, is-Sur Joseph Vella, għal din il-preżentazzjoni li ser issir mill-kumpanija *TCTC*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier is-Sur Mark Grech fejn staqsa għaliex il-kumpanija tas-Sur Michael Camilleri ma tħallitx tieħu sehem fil-*Health Fest*.

Is-Sindku qal illi l-korrispondenza tas-Sur Grech kienet waslet il-Kunsill ftit tal-ġranet biss qabel l-attività tal-*Health Fest* u l-preparamenti kienu diġa lesti. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm biżżejjed spazju fil-bitħa tal-Kunsill sabiex is-Sur Michael Camilleri ikun jista' ibiegħ matul din l-attività. Is-Sindku qal ukoll illi kien tkellem personalment mas-Sur Camilleri u nfurmah illi kien ser jiġi avviċinat sabiex jipparteċipa f'attività oħra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mir-Reverendu Fr Joseph Sultana fejn feraħ lill-Kunsillieri għas-servizz fil-komunità. Fr Sultana talab sabiex issir tabella li turi li ma tistax tikser fuq ix-xellug minn Triq Felice għal Triq il-Kunvent, kif ukoll ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex tiġi ppubblikata rivista tal-Kunsill sabiex ikun hemm kuntatt dirett maċ-ċittadin.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ rivista f'Settembru u oħra f'Diċembru li ġej u din tiġi ppublikata mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Is-Sindku ssuġerixxa l-pubblikazzjoni Città Ħompesch tinbidel u minflok tibda tinħareġ rivista biex b'hekk jiġu ffrankati l-flus minbarra l-fatt li din tkun tista' tinħareġ aktar frekwentament.

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jara l-kundizzjonijiet li hemm fit-*tender* għall-istampar tal-pubblikazzjoni Città Ħompesch qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar din il-materja.

Fis-6.50 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Anthony Farrugia jinħatar bħala Editur tal-pubblikazzjoni Città Ħompesch u s-Sur Alfred Palma jinħatar bħala Viċi-Editur ta' din il-pubblikazzjoni.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikunu membri tal-Bord Editorjali.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex titneħħa *telephone box* perikoluża li hemm fi Triq Felice ma' Triq is-Santwarju peress li qiegħda viċin ta' żebra *crossing*.

Is-Sur Bonnici staqsa f'hix kien wasal il-proċess għall-installazzjoni ta' *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur Mark Grech qal illi l-applikazzjoni għal *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn trid tiġi approvata minn Transport permezz t'applikazzjoni konġunta li saret mir-Reġjun Xlokk.

Dwar il-Kamp Internazzjonali għaż-Żgħażagħ li ser isir fil-Ġermanja f'Awwissu li ġej, is-Sur Bonnici ppropona li s-Sur Joseph Vella u s-Sinjorina Claire Camilleri jkunu l-*carers* li jakkumpanjaw liż-żgħażagħ matul din l-attività.

Is-Sindku qal illi d-deċiżjoni dwar il-*carers* li ser jitilgħu jakkumpanjaw liż-żgħażagħ għandha tittieħed wara li jinstabu l-parteċipanti żgħażagħ.

Is-Sur Bonnici staqsa kemm kienu ser iħallsu bħala spejjeż ta' vjaġġar il-parteċipanti żgħażagħ fil-Kamp Internazzjonali li ser isir f'Awwissu li ġej.

Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja kemm kienet ser tiswa l-ispiża totali għal dan il-Kamp Internazzjonali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ma jipparteċipax f'dan il-Kamp Internazzjonali li ser isir il-Ġermanja jekk sa ħmistax-il ġurnata oħra ma jkunx hemm biżżejjed żgħażagħ li jridu jipparteċipaw.

Fis-7.05 ta' filgħaxija s-Sur Bonnici talab li jkun skużat.

<u>Item 5 - Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Skrivan/a fi Skala 15</u>

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla kompost mis-Sindku, mis-Sur Brian Spiteri, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Joseph Vella u mis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u biex iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill għall-ingaġġ ta' skrivan/a fi skala 15. Dan il-proċess ser jinbeda hekk kif tingħata l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' April, 2013 u t-23 ta' Mejju, 2013 li kienet tammonta għal €21,442.43. Din ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Approvazzjoni ta' Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2012. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu Jannar – Marzu 2013. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2012. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lis-Sindku u lil kull Kunsillier. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-*Management Letter.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix li l-Kunsill għandu mas-Sur David Grech (ZLC 3/2011) ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat (ZLC 5/2010) li l-Kunsill għandu mas-Sur Nicholas Casha ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għal-tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 6/2011) li l-Kunsill għandu mas-Sur Charles Camilleri ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħoloq *internet account* u *email account* taħt id-*domain* gov.mt għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba biex priġunieri mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mall-kumpanija TCTC dwar korsijiet tal-komputer *I-Kids* li jiġu organizzati fil-bini tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jerġa' jiddiskuti mas-Sur Ray Abela biex dawn il-korsijiet jiġu organizzati mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill.

Fis-7.20 ta' filgħaxija l-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Is-Sur John J Pace nforma lill-Kunsill li matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru li ġejjin kien ser itella' wirja artistika ta' xogħol iż-Żabbarin flimkien ma' wirja ta' patrimonju li għandhom għaqdiet u mużewijiet f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Pace talab lill-Kunsill sabiex jipprovdi l-imwejjed u l-*boards* għal din l-attività.

Is-Sur Joseph Agius qal illi s-sidien tal-ħwienet kienu talbuh sabiex jiltaqgħu mat-*team* organizzattiv biex tiġi diskussa l-attività *The Malta International Food Festival* li ser issir fl-1 ta' Ġunju, 2013. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-sidien tal-ħwienet kienu ser jiġu avviċinati fil-futur viċin sabiex magħhom tiġi diskussa din l-attività.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata t-tappiera ta' quddiem ir-residenza numru 21 fi Triq Ħompesch peress illi din qiegħda tkun ta' nkonvenjent.

Is-Sur Buttigieg talab ukoll sabiex issir *road hump* fis-*service road* ta' Triq iċ-Ċimiterju.

Is-Sur Grech informa lill-Kunsill illi fi Triq iċ-Ċimiterju ġie approvat minn Transport Malta li jsiru żewġ *road humps.*

Is-Sur Buttigieg talab sabiex tiġi nstallata *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi ta' Sqaq tal-Għargħar sabiex jitnaqqas il-periklu għar-residenti u kull min ikun għaddej minn dik il-parti tat-triq.

Is-Sur Buttigieg qal illi kien ser jorganizza *talk* edukattiv dwar is-saħħa, in-nutrizzjoni u attività fiżika għall-anzjani matul ix-xahar ta' Ġunju fis-Sala ir-Ragħaj it-Tajjeb.. Matul din l-attività ser ikun hemm bħala kelliema Patoloġista, *Nutritionist* u rappreżentant mill-Kunsill Malti għall-Isports.

Is-Sur Grech staqsa x'kien ġie diskuss dwar il-korrispondenza li rċieva l-Kunsill fuq il-*Health Fest* peress illi din kienet diġa ġiet diskussa qabel ma wasal għal-laqgħa. Is-Sindku reġa tenna dak li kien qal aktar kmieni fil-laqgħa.

Is-Sur Pace qal illi attivita' bħalma hi l-*Health Fest* tinvolvi ħafna preparamenti u għaldaqstant l-affarijiet ma jiġux diskussi fl-aħħar ġranet.

Is-Sur Grech qal illi kieku saret *expression of interest* u ma ġewx esklużi n-nies milli jbiegħu, ma kienet tinħoloq l-ebda problema.

Is-Sindku informa lis-Sur Grech illi din il-korrispondenza kienet diġa ġiet diskussa ftit tal-ħin qabel. Is-Sindku qal illi kien tkellem mas-Sur Michael Camilleri sabiex jipparteċipa f'attività oħra tal-Kunsill.

Is-Sur Spiteri talab sabiex ikun hemm *postmortem* dwar il-*Health Fest*.

Is-Sur Grech staqsa f'hix kienet waslet il-*website* tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kienet ser tkun lesta fi żmien qasir.

Is-Sur Grech staqsa kif kien ser ikun ir-*roster* għall-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch.

Is-Sindku qal illi ser ikun hemm programm darba fix-xahar. F'każ li tkun ser tiġi organizzata attività mill-Kunsill, il-Kunsillier responsabbli mill-attività ser jingħata prominenza sabiex jattendi għall-programm. Is-Sindku qal illi l-persuna responsabbli mir-*roster* għal programm Kunsill Lokali *Live* kien ser ikun is-Sur John J Pace.

Is-Sur Pace nforma lill-Kunsill li kien ser jipprepara r-*roster* annwali tal-Kunsillieri għal-programm Kunsill Lokali *Live.*

Is-Sindku semma l-possibilità li Triq l-Għarix issir *one way*.

Fis-7.45 is-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Grech talab sabiex kull kunsillier iressaq mhux aktar minn tlett talbiet għal bozoz ġodda sabiex tkun tista' issir lista ta' prijorità għal dawl ġdid.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kellu ħafna talbiet għal bozoz ġodda u għalhekk għandha ssir lista aġġornata ta' talbiet għal bozoz sabiex tkun tista' issir lista ta' prijoritajiet.

Is-Sinjura Calleja staqsiet meta kien ser jitħejja l-pjan għal meta ser isir *resurfacing* ta' toroq. Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li Triq il-Kunvent tingħata wiċċ ġdid. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Ministru għall-Infrastruttura, Transport u Komunikazzjoni sabiex jirranġa Triq il-Kunvent peress illi din tkissret minħabba inġenji kbar li għaddew sabiex isir l-impjant tad-Drenaġġ f'Ta' Barkat kif ukoll għall-Proġett Smart City.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isir *patching* fi Triq il-Marżebb minħabba li hemm ħafna ħofor perikolużi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi temporanjament kien ser jintefa' ftit terrapien fi Triq il-Marżebb peress illi fil-futur qarib kien ser jinbeda xogħol ta' *resurfacing*.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex jintbgħat invit liċ-*China Cultural Centre* għall-attività ta' l-1 ta' Ġunju 2013 u ninfurmaw lis-Sur Gu Hongxing dwar din l-attività.

Fuq proposta tas-Sur Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu installati *CCTV Cameras* fil-bini tal-Kunsill u fil-madwar.

Is-Sur Joseph Vella qal illi Sqaq Palma kien qed jintuża bħala *dumping site* u għalhekk għandu jitnaddaf.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas €100 għall-użu tas-sala tal-kappillan sabiex tintuża għall-*aerobics* għax-xahrejn li ġejjin.

Is-Sur Spiteri talab li jintalbu aktar stimi għall-kiri ta' sala f'Ħaż-Żabbar biex fiha jsiru l-*aerobics* u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jagħżel l-aħjar offerta.

Is-Sindku ppropona li jkellem lill-Kappillan u jitolbu stima għall-kiri tas-sala għall-perjodu ta' sena biex din tintuża għall-*aerobics*, f'Jum Ħaż-Zabbar u għal attivitajiet oħra li jkun ser itella' l-Kunsill.

Is-Sur Vella talab sabiex kull Kunsillier jidentifika l-attivitajiet li ser jiġu organizzati minnhom.

Fit-8.30 ta' filgħaxija is-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Is-Sur Grech qal li kien favur li l-Kunsill jorganizza l-*aerobics* imma kien kontra li l-Kunsill jintrabat iħallas il-kiri tas-sala għal sena sħiħa.

Fit-8.40 is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sur Joseph Agius talbu li jkunu skużati.

Fuq proposta tas-Sur Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinġiebu iktar prezzijiet għall-kiri ta' swali f'Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li sakemm isiru l-arranġamenti ġodda mal-kappillan il-Kunsill iħallas il-kiri tas-sala għal dawn ix-xahrejn li ġejjin sabiex tintuża għall-*aerobics*.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jaċċetta pakkett offrut mingħand il-kumpanija Go sabiex it-telefonati li jsiru mill-Kunsill ikunu bi prezzijiet imraħħsa.

Is-Sindku qal li waqt żjara li kellu Eschborn il-Ġermanja iddiskuta l-possibilità li jiġu organizzati *football tournaments* bejn iż-żewġ pajjiżi. Is-Sindku qal ukoll illi s-Sindku ta' Eschborn esprima l-interess li jagħti donazzjoni lill-Kunsill għal proġetti ta' natura kapitali.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-pjanta għal titjib propost fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li jkun hemm żona magħluqa għat-tfal iż-żgħar fil-bandli. Is-Sindku ssuġerixxa din iż-żona issir minflok il-*football pitch*.

Is-Sur Grech staqsa minn fejn kienu ser jinġiebu l-fondi sabiex isir dan il-proġett. Is-Sindku qal illi l-bandli ser jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-*Urban Improvement Fund* u mill-flus li ser jiġu ffrankati mir-rimi ta' skart.

Is-Sur Spiteri talab sabiex dan il-proġett jitlesta fi żmien sena.

Is-Sindku qal illi l-attività *Malta International Food Festival* li ser issir fl-1 ta' Ġunju ta' din is-sena u ser tiswa madwar €6,500. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tiġi approvata l-ispiża għal din l-attività.

Is-Sur Spiteri talab sabiex l-attività ta' l-1 ta' Ġunju sservi bħala opportunità biex il-Kunsilliera jersqu aktar qrib taċ-ċittadin bħala *team* wieħed li qiegħed jaħdem għall-ġid ta' Ħaż-Żabbar u ż-Żabbarin.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.05 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-416-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2013.

Quinton Scerri
Sindku